11 MAY 2022

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 561**

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 561.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

561.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s- Sur Mark Grech ikun skużat.

## 561.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

561.2.1 Il-minuti tal-558, 559 u l-560 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 561.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

561.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar talba għal rimbors tal-ispejjeż bankarji relatati ma' tiġdid ta' garanzija bankarja imposta mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq PA/00268/20. Il-kuntrattur kien allega li kellu jġedded il-garanzija bankarja minħabba traskuraġni tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li t-talba sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja kienet waslet il-Kunsill fil-perjodu meta l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill kienu bil-bibien magħluqa minħabba li kien hemm numru ta' każijiet pożittivi tal-COVID 19 fost l-impjegati. Is-Sindku żied jgħid li qabel ma tiġi rilaxxata garanzija bankarja, issir spezzjoni fuq il-post sabiex jiġi assigurat li l-bankina tkun saret kif meħtieġ. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jagħtix rimbors tal-ispejjes marbuta mat-tiġdid tal-garanzija bankarja.

561.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand Skola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita sabiex tiġi organizzata *funrun* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fil-grawnd tas-St Patrick. Matul din l-attività kien ser ikun hemm madwar erba' mitt (400) student u l-attivitajiet kienu ser jiġi organizzati nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju, it-Tlieta 10 ta' Mejju, it-Tnejn 16 ta' Mejju u l-Ħamis 2 ta' Ġunju, 2022. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività tal-*funrun* bil-kollaborazzjoni mal- Skola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita u li matul din l-attività iħallas l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' ilma u frott għall-parteċipanti.

561.3.3 Is-Sindku qal illi fil-preżent il-Kunsill kien qed jorganizza taħriġ edukattiv fis-sala tal-Kunsill lill-*players* taż-Zabbar St Patricks FC u lill-ġenituri tagħhom dwar l-ikel u n-nutrizzjoni, kif ukoll taħriġ mill-Agenzija Sedqa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ispejjeż tal-edukaturi matul dan it-taħriġ.

561.3.4 Is-Sindku qal illi l-istedina għall-festivitajiet ta' *Eschenfest* kienet tħasser u li minflok id-delegazzjoni tal-Kunsill ġiet mistiedna tipparteċipa, matul l-iskambju bejn il-bliet ġemellati, fit-tiġrija tradizzjonali u internazzjonali ġewwa *Eschborn.* Barra minn hekk, ġew mistiedna żewġ żgħażagħ sportivi sabiex jipparteċipaw

f'dawn l-iskambju. Is-Sindku qal illi huwa kien ser jippartecipa matul it-tiġrija taċ-ċikliżmu flimkien maż-żewġ żgħażagħ. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività ikunu s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien maż-żewġ ċiklisti.

561.3.5 Is-Sindku rrefera għall-offerta relatata max-xogħlijiet ċivili fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994 (ZLC 1/2021R) u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dan il-kuntratt jiġi estiż għal tminn ġimgħat oħra. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal tminn ġimgħat oħra.

**561.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

561.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-sottokumitat.

**561.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

561.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti mill-1 ta' Marzu 2022 sad-29 ta' Marzu 2022 li kien jammonta għal €90,146.13.

**561.6 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- Tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022)

561.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għat-tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022). Dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Cameron Farrugia u mis-Sur Brian Spiteri.

**561.7 Oġġezzjoni - Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)**

561.7.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi wara li ġiet komunikata d-deċiżjoni tal-Kunsill lill-operaturi li ssottomettew l-offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021), kienet ġiet ippreżentata ittra ta' oġġezzjoni minn operatur lill-Bord tal-Kuntratti. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill ġie mitlub jissospendi l-proċess tas-sejħa sakemm tinqata' d-deċiżjoni. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien bagħat ir-risposta tiegħu lill-Bord tal-Kuntratti kif mitlub.

561.7.2 Fis-6.30 ta' filgħaxija is-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet għal-laqgħa.

**561.8 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- Ġbir ta' skart goff (ZLC 1/2022)

561.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart (ZLC 1/2022) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand *Malta Recycle and Waste Collection Limited*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

**561.9 Deċiżjoni dwar il-kwotazzjonijiet tal-ftuħ u tindif tal-latrini pubbliċi**

561.9.1 Is-Sindku talab li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss minħabba li kienu għadhom qed jinġabru l-kwotazzjonijiet. Barra minnhekk, is-Sindku semma l-possibbiltà' li l-ftuħ u t-tindif tal-latrini pubbliċi seta' jsir permezz tal-ħaddiema tal-*Community Work Scheme*. Il-Viċi Sindku wriet it-tħassib tagħha li ż-żamma tal-latrini tkun miżmuma mill-ħaddiema tal-*Community Work Scheme* minħabba li dawn il-ħaddiema huma mpjegati permezz ta' skema u għaldaqstant jistgħu jkunu ngaġġati għal-perjodu temporanju. Il-Viċi Sindku spjegat li jista' ikun hemm ċirkustanzi fejn il-Kunsill ikollu nuqqas ta' ħaddiema. Is-Sindku qal illi meta mpjegat jispiċċa mill-Kunsill, il-*Community Work Scheme* tibgħat ħaddiem ieħor. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul il-jiem li għaddew kienu bdew tlett impjegati ġodda mal-Kunsill permezz tal-*Community Work Scheme.* Il-Viċi Sindku qalet li fil-laqgħa preċedenti kien issemma li kien hemm min hu nteressat jieħu ħsieb jiftaħ u jnaddaf il-latrini fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet kif mitlub skont ir-regolamenti finanzjarji sabiex b'hekk tkun tista tittieħed deċiżjoni fl-aħjar interess tal-Kunsill.
Emendati

**561.10 SPI.SCI.3.2022 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta**

561.10.1 Is-Sindku tkellem dwar SPI.SCI.3.2022 relatata ma' restawr ta' postijiet/monumenti storiċi f'Malta. Is-Sindku ressaq tlett proposti ta' restawr sabiex isiru permezz ta' din l-iskema. Ir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li hemm fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq il-Kbira, ir-restawr tal-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hemm f'Misraħ San Ġakbu u r-restawr tal-istatwa ta' San Ġakbu. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet kemm ser tkun l-ispiża sabiex isir ix-xogħol ta' restawr. Is-Sindku qal illi l-ispiża tkun magħrufa wara li jitħejja r-rapport mill-Perit. Is-Sindku qal li l-istatwa ta' San Ġakbu kienet tfarrket matul l-aħħar Gwerra Dinjija u żied jgħid li l-fdalijiet ta' din l-istatwa kienu qed jinżammu fil-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi f'każ li jsir xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġakbu, din għandha titpoġġa lura f'Misraħ

San Ġakbu hekk kif jitlesta l-proġett tal-pjazza. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti l-applikazzjoni SPI.SCI.3.2022 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta u li r-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li hemm fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq il-Kbira għandha tingħata prijorità.

**561.11 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

561.11.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura ABV168 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, fejn talbet kumpens ta' €523.82 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Is-Sindku qal illi t-tappieri li hemm fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u li din it-talba m'għandiex tiġi aċċettata. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

**561.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

561.12.1 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru l-marki tal-karreġġjata fi Triq Bajada. Is-Sur Buttigieg staqsa min kien responsabbli mix-xogħol ta' żebgħa. Is-Sindku spjega li wara li jsir xogħol ta' *resurfacing* fit-toroq, ix-xogħol ta' żebgħa jsir minn *Infrastructure Malta*. Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir metru *double line* mal-ġenb tal-garaxxijiet.

561.12.2 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar it-*traffic island* li saret riċentament fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq Felice u talab li jsir *double yellow line* quddiem ir-rampa. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li kienu qed jipparkjaw il-vetturi quddiem ir-rampa u jagħlqu l-aċċess lill-persuni b'diżabilità. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu ġew ordnati l-*bollards*.

561.12.3 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa meta kienet ser issir iż-*zebra crossing* maġenb il-*ground* tas-St Patrick. Is-Sindku qal illi din iż-*zebra crossing* kienet ser issir wara li jitlesta x-xogħol fil-*5A side football pitch* li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

561.12.4 Il-Viċi Sindku ressqet ilment li kienet irċeviet mingħand ir-residenti dwar nuqqas ta' dawl fid-*Dog Park*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi xi ħadd mhux magħruf kien għamel att vandalu u kienu tqaċċtu l-*wires* tal-*cameras* u nsterqu l-*floodlights* minn ġod-*Dog Park*. Is-Sindku qal illi kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex isir ix-xogħol meħtieġ. Is-Sindku żied jgħid li kien sar rapport lill-pulizija dwar dan.

561.12.5 Il-Viċi Sindku ressqet lment li kienet irċeviet mingħand residenti li joqgħodu fi Triq in-Nissieġ u qalet li l-kollettur tal-iskart riċiklabbli kien waqqa' l-iskart fit-triq u ma ġabrux. Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur responsabbli mill-iskart, b'mod partikolari għall-ġbir tal-boroż il-griżi.

561.12.6 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar il-laqgħa li kellha maż-*Zabbar Community Service.* Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ż-*Zabbar Community Service* kienu talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex isir proġett ta' tabelli tal-lingwa tas-sinjali f'diversi postijiet fosthom fil-bandli, fid-*dog park*, maġenb l-iskejjel, spiżeriji etc. Is-Sindku qal illi kien qed jara kif ser jiġi ffinanzjat il-proġett.

561.12.7 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar it-talba tagħha li kienet resqet matul il-laqgħa preċedenti sabiex issir plakka kommemorattiva li jfakkar l-avveniment tal-attakk tal-Franċiżi f'Ħaż-Żabbar. Is-Sinjura Calleja qalet li fil-ktieb Storja u Kultura kien hemm l-evidenza dwar kemm kienu ssieltu ż-Żabbarin f'dan l-attakk. Is-Sindku qal li din il-plakka għandha tkun inkluża f'waħda mit-temi marbuta mal-ornament li ser isir fil-proġett ta' tisbieħ fis-*soft areas* fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994.

561.12.8 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jitneħħa l-arblu tad-dawl li hemm mingħajr użu fi Triq is-Santwarju biswit il-*bus stop* ta' faċċata tal-ex venda. Is-Sindku qal illi kienet għaddejja komunikazzjoni mal-Enemalta sabiex dan l-arblu jitneħħa max-xogħlijiet li kienu ser isiru fi Triq il-Kbira minħabba li qabel ma jinqala' dan l-arblu irid jitneħħa *cable* li hemm għaddej minn taħt l-art. Is-Sinjura Calleja staqsiet x'kien l-użu ta' dan l-arblu. Is-Sindku spjega li ma' kull *bus shelter* kien twaħħal arblu tad-dawl.

561.12.9 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li titnaddaf is-*soft area* li hemm fi Triq ix-Xgħajra faċċata tal-ispiżerija u sabiex jitħawwlu l-fjuri.

561.12.10 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li madwar il-*bring in sites* li hemm fi Triq Villabate kien qed jintrema ħafna skart. Is-Sindku qal illi mistenni li jsiru l-*cameras* fil-futur viċin.

561.12.11 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *refresh* taż-żebgħa tal-i*stop* li hemm fi Triq il-Kunvent qabel ma ddur għal Triq ix-Xgħajra minħabba li ċċarat.

561.12.12 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi l-kollettur tal-iskart kien qed igeddes il-boroż tal-iskart fi Triq Tumas Dingli. Is-Sindku qal illi kien ser jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

561.12.13 Is-Sur Joseph Vella staqsa f'hix wasal il-proċess tar-restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-ċimiterju. Is-Sindku qal illi l-perit tal-Kunsill kien qed iħejji d-dokumenti preparatorji minħabba l-permessi.

561.12.14 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kienet ser tibda l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku qal illi trid issir laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart sabiex tiġi diskussa data sabiex wara jiġu stampati l-*leaflets* u jitqassmu bieb bieb. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-iskeda l-ġdida tibda minn Ġunju.

**561.13 Mozzjonijiet**

561.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**561.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

561.14.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

561.14.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-562 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju, 2022

**IFFIRMATA**

Jorge Grech
Sindku